32002D0940

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Novembru 2002

li temenda d-Deċiżjoni 98/371/KE għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni tal-majjal frisk mir-Repubblika Slovakka

(notifikata bid-dokument numru C(2002) 4556)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/940/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi li jseħħu fl-ispezzjoni sanitarja u veterinarja ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u tal-laħam tal-majjal, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1452/2001 [2], u partikolarment l-Artikoli 14, 15 u 16 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/371/KE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2002/7/KE [4], tirregola l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-laħam frisk minn ċerti pajjiżi Ewropej.

(2) Għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali, u partikolarment sabiex jiġi ikkontrollat d-deni klassiku tal-ħnieżer, ma kienietx ġiet awtorizzata l-importazzjoni tal-majjal frisk għall-konsum uman mir-Repubblika Slovaka.

(3) L-Awtoritajiet Veterinarji Kompetenti Slovakki talbu l-awtorizzazzjoni sabiex jiġi esportat il-majjal lejn il-Komunità u sostnew it-talba tagħhom b'informazzjoni dwar il-kondizzjoni tas-saħħa tal-ħnieżer fir-Repubblika Slovaka u l-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer.

(4) F'Lulju tal-2002, missjoni veterinarja tal-Kummissjoni għamlet żjara fis-Slovakkja sabiex tevalwa s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali, u partikolarment is-sitwazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer.

(5) A bażi tar-rapport tal-missjoni u minn informazzjoni ulterjuri ipprovduta mill-Awtoritajiet Kompetenti Slovakki, il-kondizzjoni tas-saħħa tal-ħnieżer fis-Slovakkja tidher li hija sodisfaċenti għal dak li jirrigwarda d-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer domestiċi; iżda, hemm numru ta' żoni speċifiċi fejn l-infezzjoni hija preżenti fost il-ħnieżer selvaġġi.

(6) L-importazzjoni tal-majjal mir-Repubblika Slovakka lejn il-komunità għandha għalhekk tkun awtorizzata mid-Distretti li mhumiex soġġetti għal restrizzjoni minħabba l-infezzjoni fil-ħnieżer selvaġġi u minn barra dan ċerti kondizzjonijiet konnessi ma' l-użu tal-fdal tar-restoranti li jingħata bħala ikel lill-ħnieżer għandhom ikun speċifikati.

(7) Għall-fini ta' l-esporazzjoni tal-majjal lejn il-Komunità Ewropea, l-awtorità kompetenti veterinarja Slovakka ippreparat lista tal-postijiet fejn jinżammu l-ħnieżer soġġetti għal superviżjoni veterinarja regolari u l-kontrolli xierqa li jeskludu kwalunkwe użu ta' fdal tar-restoranti sabiex jingħata bħala ikel lill-ħnieżer.

(8) Għalhekk id-Deċiżjoni 98/371/KE għandha tkun emendata skond kif meħtieġ.

(9) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 98/371/KE hija emendata kif ser jingħad:

1. L-Anness I huwa mibdul bit-test fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness 11 huwa mibdul bit-test fl-Anness 11 ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 11.
[3] ĠU L 170, tas-16.6.1998, p. 16.
[4] ĠU L 3, tal-5.1.2002, p. 50.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tibda tapplika mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS I

DESKRIZZJONI TAT-TERRITORJI TA' ĊERTI PAJJIŻI EWROPEJ STABBILITI GĦALL-FINI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

Pajjiż	Kodici tat-territorju	Verzjoni	Deskrizzjoni tat-territorju
L-Albanija	AL	1/98	Il-pajjiż kollu
Il-Bosnia Herzegovina	BA	1/98	Il-pajjiż kollu
IL-Bulgarija	BG	1/98	Il-pajjiż kollu
	BG-1	1/98	Il-provinċi ta' Varna, Dobrich, Solistra, Choumen, Targovichte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovidv, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofia, il-belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blogoevgrad, Vratza, Montana u VidinLovetch, Plovdiv, Smolian, Pasardjik, Sofia district, il-Belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana uVidin
	BG-2	1/99	Il-provinċi tal-Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo u Kardjali, bl-esklużjoni tal-kuritur wiesa' għoxrin kilometru tal-konfini mat-Turkija
	BG-3	1/99	Il-kuritur wiesa' għoxrin kilometru tal-konfini mat-Turkija
Il-Belorussja	BY	1/98	Il-pajjiż kollu
Ir-Repubblika Ċeka	CZ	1/98	Il-pajjiż kollu
	CZ-1	1/99	Il-pajjiż kollu bl-esklużjoni tal-provinċi ta' Kroměriž, Vyskov, Hodonín, Uherské Hradište, Z1ín u Vsetín
	CZ-2	1/99	Il-provinċi tal-Kromíž, Vyškov, Hodonín, Uherské Hradišt, Z1ín u Vsetín
L-Estonja	EE	1/98	Il-pajjiż kollu
Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja	YU	1/98	Il-pajjiż kollu
	YU-1	1/98	Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja bl-esklużjoni tar-reġjun tal-Kosovo u tal-Metohija
	YU-2	1/98	Ir-reġjun tal-Kosovo u Metohija
Il-Kroazja	HR	1/98	Il-pajjiż kollu
L-Ungerija	HU	1/98	Il-pajjiż kollu
Il-Litwanja	LT	1/98	Il-pajjiż kollu
Il-Latvja	LV	1/98	Il-pajjiż kollu
Il-Polonja	PL	1/98	Il-pajjiż kollu
Ir-Rumanija	RO	1/98	Il-pajjiż kollu

Pajjiż	Kodici tat-territorju	Verzjoni	Deskrizzjoni tat-territorju
Ir-Russja	RU	1/98	Il-pajjiż kollu
Is-Slovenja	SI	1/98	Il-pajjiż kollu
Ir-Repubblika Slovakka	SK	1/98	Il-pajjiż kollu
	SK-1	1/2002	Il-pajjiż kollu bl-esklużjoni tad-Distrett Veterinarju u ta' l-Amministrazzjonijiet ta' l-Ikel ta' Trnava (li jinkludi d-distretti ta' Piestany u Hlohovec), Levice (li jinkludi d-distrett ta' Levice), Nitra (li jinkludi d-distretti ta' Nitra u Zlate Moravce), Topolčany (li jinkludi d-distrett ta' Topolčany), Nové Mesto nad Váhom (li jinkludi d-distrett ta' Nové Mesto nad Váhom), Trěncín (li jinkludi d-distretti ta' Trěncín u Banovce nad Bebravou), Prievidza (li jinkludi d-distretti ta' Prievidza u Partizanske), Puchov (li jinkludi d-distretti ta' Púchov u Ilava), Žiar nad Hronom (li jinkludi d-distretti ta' Žiar nad Hronom, Zarnovica, Banska Stiavnica, Zvolen (li jinkludi d-distretti ta' Zvolen u Detva), Banská Bystrica (li jinkludi d-distretti ta' Banská Bystrica u Brezno)."

ANNESS II

"ANNESS II

GARANZIJA TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI LI GĦANDHA TKUN MITLUBA FUQ IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-LAĦAM FRISK

Pajjiż	Kodiċi	Laħam frisk għall-konsum uman								Laħam frisk intiż għal skopijiet barra milli għall-konsum uman
		Bovini		Porċini		Ovini/Kaprini		Solipedi		
		MC (1)	SG (2)	MC (1)	SG (2)	MC (1)	SG (2)	MC (1)	SG (2)	
L-Albanija	AL	-		-		-		-	-	-
Il-Bosnia Hersegovina	BA	-		-		-		-	-	-
IL-Bulgarija	BG	-		-		-		D	-	E
	BG-1	A		-		C		D	-	E
	BG-2	-		-		-		D	-	E
Il-Belorussja	BY	-		-		-		-	-	E
Ir-Reppublika Ċeka	CZ	A		B		C		D	-	E
	CZ-1	A		B		C		D	-	E
	CZ-2	A		B		C		D	-	E
L-Estonja	EE	-		-		-		-	-	E
Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja	FY	-		-		-		D	-	E
	FY-1	A		-		C		D	-	E
	FY-2	-		-		-		D	-	E
Il-Kroazja	HR	A		-		C		D	-	E
L-Ungerija	HU	A		B		C		D	-	E
Il-Litwanja	LT	A		-		C		D	-	E
Il-Latvja	LV	-		-		-		-	-	E
L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (3)	MK	-		-		C		D	-	E
Il-Polonja	PL	A		B	A	C		D	-	E
Ir-Rumanija	RO	A		-		C		D	-	E
Ir-Russja	RU	-		-		-		-	-	E
Is-Slovenja	SI	A		-		C		D	-	E
Ir-Repubblika Slovakka	SK	A		-		C		D	-	E
	SK-1	A		B	A	C		D	-	E

NB: Importazzjoni tal-laħam frisk għall-kosnum uman mhix permessa sakemm ma tkunx ġiet approvata mill-Kummissjoni, skond il-programm tal-kontroll tar-residwi fl-esportazzjoni minn pajjiżi terzi.

(1) MC: Mudell ta' ċertifikazzjoni li għandu jkun kompletat. L-ittri (A, B, C, D...) li jidru fit-tabella jirreferu għall-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali kif jirriżulta mill-Anness III, li għandu jkun applikat għal kull prodott u l-oriġini skond l-l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni. Sing '-' jindika li l-importazzjoni mhix awtorizzata.

(2) SG: Garanziji Supplimentari. L-ittri (a, b, c, d...) li jidhru fuq it-tabelli jirreferu għall-garanziji supplimentari li għandhom ikunu pprovduti mill-pajjiż li jkun qed jesporta kif deskritt fl-Anness IV. Dawn il-garanziji supplimentari għandhom jinkitbu mill-pajjiż li jesporta fis-sezzjoni V ta' kull mudell ta' ċertifikat li jinstab fl-Anness III.

(3) Kodiċi proviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li jrid ikun attribwit wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed iseħħu fin-Nazzjonijiet Uniti."